DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 24 ta' Ottubru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 191/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, Doreen Coleiro, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Kors għall-Ġenituri fuq l-Ortografija tal-Malti

---

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-ġenituri li jibagħtu lil uliedhom fl-iskejjel primarji jew sekondarji biex jattendu kors bl-isem *L-Ortografija tal-Malti*. Dan il-kors huwa mmirat għal dawk il-ġenituri li jixtiequ jsaħħu l-għarfien tagħhom fl-ortografija u jgħinu lil uliedhom fix-xogħol tal-Malti.

Il-kors se jsir fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun, (ħdejn l-iskola Marija Assunta tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca) mill-5:30pm sas-7:30pm fil-jiem li ġejjin:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **5 ta' Novembru** | **12 ta' Novembru** | **19 ta' Novembru** | **26 ta' Novembru** | **3 ta' Diċembru** | **10 ta' Diċembru** |

Inħeġġu lill-ġenituri li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u wliedhom, speċjalment meta jkunu qed jagħtuhom daqqa t'id id-dar, u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom. Huwa importanti li l-ġenituri jgħinu lil uliedhom jiktbu Malti tajjeb sa minn meta jkunu żgħar.

Dawk kollha li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali u elettroniku tagħhom, lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt sa nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru 2014. In-numru dirett tiegħu huwa 2598 2927.

**Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel ħamsa u għoxrin li japplikaw.**

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċertifikat ta' attendenza mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Il-kapijiet tal-iskejjel huma ġentilment mitluba jgħaddu din it-tagħrifa lill-ġenituri.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**